MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 333/1999/1

**Joan Ciantar**

**vs**

**Abderrahmane Fezouine**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fil-15 ta' April, 1995 permezz tar-rit Civili u dan skond ma jirrizulta mill-anness Dokument "A";

Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ser jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghal dan iz-zwieg, il-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma kondizzjoni li tirrefeni ghall-futur kif ser jkun ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi wkoll il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inghata bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ta’ dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-15 ta’ April, 1995 huwa null u bla effett;

L-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-15 ta’ April, 1995 bir-rit civili huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni u xierqa f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-16 ta’ Settembru 1999; u tal-25 ta’ Ottubru 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr Greta Agius biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat li n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.11 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi huwa ma jopponix ruhu ghall-annullament taz-zwieg tal-kontendenti pero n-nullita tal-istess zwieg hija unikament responsabilta tal-attrici u konsegwentement huwa m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.12 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-22 ta’ Marzu 2000; tas-16 ta’ Ottubru 2000; tat-13 ta’ Frar 2001 u tat-18 ta’ Settembru 2001;

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha ezebiet l-affidavit taghha;

Rat il-verbal tas-16 ta’ April 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-perit legali w ordnat li tirritorna l-process minnufih. Inghata digriet ghall-affidavits tal-partijiet;

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha pprezentat hames affidavits ta’ Mary Ciantar, Natalino Ciantar, Mark Anthony Ciantar, Raffaela Falzon u Maria Concetta Falzon;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Novembru 2002 ghas-sentenza in difett ostakolo;

Rat ukoll is-seduti mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fl-15 ta’ April 1995 jigi dikjarat null u bla effett stante li hija qed tallega li l-kunsens taghhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, li l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma’

kondizzjoni li tirreferi ghall-futur; kif ukoll, li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ma opponix ruhu ghall-annullament taz-zwieg taghhom pero’ n-nullita’ tal-istess hija unikament responsabilita’. Jigi rilevat illi l-konvenut ma pproduca ebda provi min-naha tieghu.

## B. Provi Prodotti

Illi **Joan Ciantar** xehdet li hi ltaqghet mal-konvenut fit-23 ta’ Dicembru 1994. Hu kien qalilha li kien Franciz u li kien jismu Alex. Wara tlett xhur iddecidew li jizzewgu fit-23 ta’ Dicembru 1995. Hi kienet ghamlitilu cara li riedet tizzewweg fil-Knisja u hu dejjem accetta. Matul l-1995 bdew il-process biex jigbru l-karti necessarji biex japplikaw ghat-tnidijiet. Fi Frar 1995 qalilha li fil-fatt hu ma kienx jismu Alex u li kien Algerin. Ma kienx qalilha qabel ghax staha u kien inkwetat li l-familja taghha tehodha kontrih peress li kien Algerin.

Illi meta marret l-Insinwa bil-karti li rcieva minn barra, hi qaltilhom li riedet tizzewweg bil-Knisja f’Dicembru 1995. Illi pero’ tar-Registru Pubbliku nfurmawha li minhabba li l-karti li l-konvenut kien ircieva kienu validi biss ghal ftit gimghat kellhom jizzewgu bilfors qabel cioe’ fil-15 t’April 1995 u mbaghad jistennew Dicembru u jizzewgu fil-Knisja ta’ Bormla. Is-Sibt 15 t’April 1995 izzewgu u fit-18 t’April 1998 hu mar japplika ghac-cittadinanza f’Kastilja. Hu kien qalilhom biex ighaggluhulu peress li kellu bzonn il-passaport biex imur Franza ghand huh.

Illi l-attrici sostniet li ghaliha kien indispensabbli li tizzewweg bil-Knisja, u hu dejjem qalilha iva. Infatti huwa kien anki ffirma l-karti tal-Kurja tad-dispensa fejn wieghed li z-zwieg tal-Knisja kien ighodd ghalih u li t-tfal li seta’ jkollhom jitghammdu fir-religjon Kattolika. Infatti fiz-zwieg civili ma tawx crieket u lanqas kellhom ritratti ghax kienu miftehma li jaghtu c-crieket fil-Knisja. Inoltre’, mill-ewwel

qalet lis-Sur Paul Bilocca tar-Registru Pubbliku dwar jekk kienx hemm xi kundizzjoni marbuta, li ghaliha din kienet biss formalita’ minhabba l-iskadenza tal-karti u li z-zwieg proprju kien dak tal-Knisja. Wara April 1995 hi xorta baqghet tghix m’ommha u hu ghalih. Biss f’Gunju 1995 il-konvenut kien ma jiflahx sew u peress li ma kellu l-hadd biex idur bih spiccat marret toqghod mieghu Wied il-Ghajn u dan sat-13 ta’ Dicembru 1995 meta kien rega’ qalilha li kien deciz li ma riedx jizzewweg bil-Knisja.

Illi fil-5 ta’ Settembru 1995, il-konvenut gab ic-cittadinanza u mill-ewwel applika ghall-passaport. Dan hariglu f’Ottubru 1995 u wara jumejn siefer Franza. Gie lura fl-10 ta’ Dicembru 1995 u dakinhar qalilha li ma riedx jizzewweg bil-Knisja. Hu hasadha ghax sakemm kien Franza baghtilha l-qisien tal-hwejjeg ta’ huh u kellhom il-preparamenti kollha lesti.

Illi f’Settembru 1995 ohtu z-zghira ta’ tlettax-il sena giet Malta u meta telaq Franza hallieha mal-attrici u din qalet hafna nkwiet u gideb. Meta rritorna minn Franza qalilha li ma riedx jizzewweg bil-Knisja ghax hi ghajjret lil ohtu u b’hekk hu telaq ghand siehbu f’Tas-Sliema. Filghodu telqet ghand ommha. Meta l-ghada marret id-dar f’M’Scala biex tiehu hwejjigha, hi sabet lil Valerie, mara Franciza, li kull ma kellha fuqha kien biss T-Shirt tal-konvenut. Hu qalilha li kienet hemm ghax ma kellhiex fejn torqod.

Illi wara xi hmistax cempel jitlobha skuza u hi rritornat id-dar ghal madwar 8 xhur. F’Settembru 1996 ohtu kellha tibda skola u minhabba spazju marru joqghodu f’post iehor Hal Tarxien b’ohtu maghhom. Wara f’Awissu 1997 ohtu telqet minn Malta u huma marru joqghodu l-Qawra. Fil-frattemp hu kien sar gwida tat-turisti bil-licenzja. F’Lulju 1998 gie huh minn Franza u kif wasal huh u zewgha bdew johorgu flimkien wahedhom. Meta kienet issaqsih fejn sejrin, zewgha kien ighidilha li ma kienitx bicca taghha. Wara li telaq huh, huwa baqa’ l-istess, u beda johrog wahdu ta’ kuljum anke fit-tard. B’hekk bdiet il-proceduri ta’ separazzjoni.

Illi omm l-attrici, **Mary Ciantar,** xehdet kif bintha qaltilha li kienet qed tohrog mal-konvenut. L-ewwel darba li tkellmet mieghu kien f'Jannar pero' d-diskors bejniethom kien qasir ghax hu ma tantx kien jitkellem bl-Ingliz. Hu ma kienx imur spiss ghandhom. Bdew il-preparamenti ghat-tieg. F'Marzu 1995 bintha qaltilha li l-konvenut kien Algerin u hi kienet qaltilha illi kien ghaliha ma tizzewgux. Madankollu, huma xorta zzewgu fil-15 t'April 1995 u l-attrici ma kienitx prezenti. Fl-10 ta' Dicembru 1995, Joanne kienet ghandha d-dar cemplet lill-konvenut li kien qieghed Franza u dan qalilha li ma riedx jizzewweg bil-Knisja.

Illi missier l-attrici, **Natalino Ciantar,** ikkonferma pratikament x'qalet Mary Ciantar fl-affidavit taghha. L-istess ghamlet in-nanna taghha **Raffaela Falzon** u zijitha **Maria Concetta Falzon.**

Illi **Mark Anthony Ciantar** ,hu l-attrici, kien xhud fiz-zwieg civili. Hu xehed li meta Paul Bilocca staqsa lil Joan u lill-konvenut jekk iz-zwieg taghhom kienx marbut b'xi kondizzjoni l-attrici qaltlu li ghaliha dan iz-zwieg kien biss formalita' minhabba li d-dokumenti li kien ircieva l-konvenut kienu validi ghal ftit gimghat biss.

## <u>C. LIGI APPLIKABBLI GHALL-KAZ *DE QUO*</u>

Illi l-attrici qed tibbaza t-talbiet taghha a bazi ta' l-**artikolu 19(1)(d), (f) u (g) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi dawn l-artikoli jinqraw hekk kif gej:-

"**Artikolu 19(1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null :-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu ,jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga,jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn it-tlett sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap.255**.

Illi ghar-rigward ta' l-**artikolu 19(1)(d)** mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti, specjalment il-konvenut, qabel ma zzewgu ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Inghad illi l-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Illi kwindi hi necessarja l-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga. Fil-kaz odjern il-kontendenti kellhom gherusija ta' xhur. Infatti wara tlett xhur biss iffissaw id-data taz-zwieg li kellha tkun ezatt sena minn meta ltaqghu l-ewwel darba. Illi pero' minhabba li hu kien barrani u ried xi karti minn barra biex ikunu jistghu japplikaw ghat-tnidijiet, meta dawn il-karti waslu kellhom zmien ta' validita'.

Illi meta zzewgu ma marrux ighixu flimkien. Izda meta mbaghad hu marad bdiet tghix mieghu ghax marret iddur bih. Imbaghad hu gabilha lil ohtu ta' tlettax-il sena u meta kellu l-passaport f'idejh telaq Franza ghand huh. Dam hemmhekk kwazi xahrejn u ddecieda li jigi lura Malta ftit granet biss qabel ma suppost izzewgu. Hu halla kollox f'idejha u f'idejn il-familja taghha ghall-preparament tat-tieg taghhom fil-Knisja. Hu ma ppartecipa xejn. Imbaghad il-konvenut qalilha li ma kellu l-ebda intenzjoni li jizzewwigha bil-Knisja u dan nonostante li ftit xhur qabel hu kien sahansitra ffirma d-dispensa l-Kurja li zwieg ghalih

fil-Knisja kien ighodd u li uliedhom li seta' jkollhom setghu jitghammdu fir-religjon Kattolika. Wara li l-konvenut infurmaha b'din id-decizjoni l-attrici telqet mid-dar. Meta hmistax wara cemplilha biex jiskuza ruhu hija accettat li terga' tmur tghix mieghu. Ohtu baqghet tghix maghhom. Imbaghad f'punt minnhom gie Malta jzuru huh u l-konvenut u huh bdew johorgu flimkien u kienu jdumu u ma riedx itiha sodisfazzjon fejn kienu se jmorru. Meta huh mar lura Franza l-konvenut xorta wahda baqa' johrog wahdu u s-sitwazzjoni bdiet tmur ghall-aghar u b'hekk iddecidiet li ma setghetx tghix aktar hekk.

Illi bla ebda dubju ghalkemm il-komportament tal-konvenut juri ammont kbir ta' immaturita' u li effettivament ma kellux idea ta' x'kienet tikkomporta l-hajja mizzewga. Illi b'hekk issir referenza ghas-sentenza ta' din l-istess Qorti fl-ismijiet
**"Anthony Gallo vs Dr Anthony Cutajar et"** (Cit.Nru: 1962/99/RCP – 28 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati u tasal ghall-konkluzzjoni li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat *ai termini* ta' l-artikolu 19(1)(d).

Illi rigward l-**artikolu 19(1)(f)** dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*"colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew*

*kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata*". Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi 'nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi 'noltre' fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe"** (Cit.Nru:3130/96/NA – 10/11/99) gie ritenut illi :-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi mill-provi prodotti rrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-konvenut izzewweg lill-attrici biex ikun jista’ jottjeni cittadinanza u passaport Malti. Infatti meta ltaqghu qalilha li kien Franciz u li kien jismu Alex, kien biss wara tlett xhur/erba’ li qalilha l-verita’ cioe’ li kien Algerin u jismu Abder. Weghda li kien lest li jizzewweg bil-Knisja ghax ghaliha kien importanti izda meta gie z-zmien qalilha li ma riedx. Importanti li jigi rilevat li tlett ijiem biss wara z-zwieg civili taghhom hu mar japplika ghac-cittadinanza. Qalilhom biex ighagglulu ghax kellu bzonn il-passaport biex imur Franza ghand huh mill-aktar fis. Fil-5 ta’ Settembru 1995 gab ic-cittadinanza u mill-ewwel mar japplika ghall-passaport. Jumejn biss wara li hariglu fl-10 ta’ Ottubru 1995 telaq Franza, dam hemm xahrejn, u kif appena gie qalilha li ma riedx jizzewweg bil-Knisja.

Illi kwindi hu ovvju li l-uniku hsieb tal-konvenut meta zzewweg civilment lil Joan Ciantar kien li jizzewwigha biex jottjeni l-iskop tieghu cioe’ ic-cittadinanza u l-passaport u b’hekk kif ghamel gab anki l-licenzja biex ikun gwida tat-turisti. B’hekk bla ebda dubju l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19(1)(f).**

Illi fl-ahharnett l-attrici ssostni li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19(1)(g)**. Illi f’dan ir-rigward jinghad li mill-provi prodotti rrizulta li ghall-attrici kien ferm importanti li jkun hemm zwieg fil-Knisja u hi sostniet diversi drabi li ghaliha dak kien validu. Dan gie anki korroborat mix-xhieda prodotti. Ghaliha z-zwieg civili kien biss formalita’ minhabba li l-karti mibghuta minn barra kellhom terminu ta’ validita’. Waqt ic-cerimonja la kien hemm skambju ta’ crieket u xejn. Anke huha, ix-xhud taghha, qal li ohtu hekk tenniet waqt ic-cerimonja. Infatti hi marret tghix ghand il-genituri taghha u hu ghalih. Kienu biss ic-cirkostanzi ghax hu marad li marret tghix mieghu qabel id-data taz-zwieg li kellu jsehh fil-Knisja. Kwindi certament il-kunsens tal-attrici kien vizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19(1)(g).**

Illi konsegwentement irrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens li ta l-konvenut kien wiehed invalidu a bazi tas-**sub-artikoli (d) u (f),** tal-**artikolu 19 tal-Kap 255** filwaqt li

l-kunsens tal-attrici kien wiehed vizzjat a bazi tas-sub-artikolu (g).

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta' April 1995 huwa null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat *ai termini* tal-**Artikolu 19(1)(d) u (f) - tal-Kap 255** filwaqt li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat *ai termini* tal-**artikolu 19(1)(g)**.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu zewg terzi ghall-konvenut u terz ghall-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Novembru 2002.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Novembru 2002.**